MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

**27 ta' Awwissu 2019**

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITA` TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

**Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li l-istabbiliment**

**Beauty Bar Venofye (il-Belt Valletta) – Miro (Meir) Assouline**

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur.

Il-konsumatur kien ġie mwaqqaf fit-triq minn bejjiegħ tal-ħanut, li kkonvinċih jixtri prodott kontra l-ponot, li kien jiswa €250. Il-konsumatur aċċetta li jixtri l-prodott. Madankollu, waqt li kien qed jiġi konkluż ix-xiri, l-bejjiegħ inkluda wkoll prodotti oħra li x-xerrej ingħata l-impressjoni li kienu qed jingħatulu b'xejn.

Meta l-konsumatur irrealizza li hu ħallas għal prodotti żejda, ħass li kien ġie mqarraq mill-bejjiegħ u għalhekk talab il-flus lura. Il-konsumatur spiċċa ħallas total ta' €750, iġifieri €500 aktar mill-prezz oriġinarjament mifthiem. Għall-ewwel, il-ħanut aċċetta t-talba tal-konsumatur li jirritorna l-prodotti u li jagħtih lura l-flus żejda mħallsa, iżda din is-soluzzjoni ma seħħetx.

It-Tribunal irrimarka li kien hemm element ta' konfużjoni dwar x'kienu tassew il-kundizzjonijiet ta' din it-transazzjoni. L-unika ħaġa ċerta kienet li l-konsumatur kien lest li jixtri prodott li jiswa €250. Hekk kif kien ser iħallas, proprju fl-aħħar mument, il-bejjiegħ beda jsemmi prodotti oħra li inkluda fit-transazzjoni tax-xiri. Kien biss wara li l-konsumatur induna li kien ġie mqarraq. It-Tribunal iddikjara li dan ma kienx sewwa peress li f'tali tranżazzjonijiet, kollox għandu jkun ċar mill-bidu nett u x-xerrej għandu ikun jaf eżattament x'qed jixtri u kemm qed iħallas.

Dan ma kienx il-każ u għalhekk it-Tribunal iddeċieda li t-tieni parti tat-tranżazzjoni għandha titħassar u ordna lill-ħanut u lis-Sur Assouline jħallsu s-somma ta' €500 lill-konsumatur.

Josephine Borg
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)